**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 04 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 40/2005 AF**

**Felic Abela u martu Maria Concetta**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**Id-Direttur tal-Edukazzjoni**

**Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2005 giet awtorizzata korrezzjoni u l-kliem "Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq" ghandhom jinbidlu ghal "Il-Kap ta' Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta"**

**L-Avukat Generali**

**Il-Ministeru tal-Gustizzja u ghall-Intern u b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Lulju 2005 giet awtorizzata zieda u ghandhom jizdiedu l-kliem "Il-Kap tad-Dipartiment" qabel il-kliem "l-Ministeru tal-Gustizzja u ghall-Intern"**

**Taqsima Proprjetà tal-Gvern**

**Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjetà u**

**l-Prim Ministru ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti li in forza tieghu, wara li ppremettew:

Illi huma proprjetarji ta' terz indiviz minn bicca art li tinsab fil-limiti tal-Kalkara in kontrada tat-Turretta imlaqma ta' wicc il-Merhla, liema irjiehat huma spjegati ahjar fil-kuntratt ta' bejgh, hawn anness u mmarkat (Dok FA 1), li jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Agius.

Illi r-rikorrenti akkwistaw terz indiviz minn din l-imsemmija art minghand Rita Farrugia, permezz ta' kuntratt tas-sbatax ta' Jannar elf disgha mija sebgha u sebghin, hawn anness u mmarkat bhal (Dok FA 2), liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Agius.

Illi l-Gvern okkupa partijiet ta' din l-art bicca bicca kif ser jigi spjegat aktar l' isfel:

Illi fl-elf disgha mija u erba' u sebghin, permezz, ta' dikjarazzjoni fil-gazzetta tal-gvern tal-15 ta' Frar 1974, (Dok FA 3) il-Gvernatur Generali iddikjara ili Bicca art tal-kejl ta' 1286 qasab kwadri (5, 647 metri kwadri) gewwa il-Kalkara, liema irjiehat huma ahjar deskritti fl-imsemmi Dok FA 3 kienet mehtiega mill-awtorita kompetenti ghal skop pubbliku.

Illi Parti minn dina l-bicca art kienet tifforma parti mill-art illi r-rikorrenti akkwistaw fis-17 ta' Jannar 1977, u din kif tidher ahjar fil-pjanta hawn annessa mmarkata bhala Dok FA4.

Illi dik il-porzjon art, deskritta bl-ittra A fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala Dok FA4, giet inkorporata mal-gnien tal-iskola tal-Kalkara, u dan kif jidher tajjeb minn ritratti hawn annessi u mmarkati bhala Dok FA 5.

Illi dik il-porzjon art, deskritta bl-ittra B, fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok FA 4, thalliet fl-istat illi kienet u sallum, ghadha ma gietx uzata mill-awtoritajiet, u dan kif jidher tajjeb mir-ritratti hawn annessi u mmarkat bhala Dok FA 6.

Illi l-imsemmija proprjetà giet okkupata b' mod illegali u abbuziv bi ksur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta [senjatament l-Artikolu 9 (Notice to Treat)] peress illi ma nhargitx Notice to Treat dwar l-art in kwistjoni.

Illi dik il-porzjon art, deskritta bl-ittra C, fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok FA 4, giet okkupata mill-intimati, sabiex tinghadda triq, u dan kif jidher tajjeb mir-ritratt hawn anness u mmarkat bhala Dok FA 7.

Illi din l-imsemmija bicca art, giet ukoll okkupata mill-intimati b' mod illegali u abbusiv bi ksur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex mhux talli ma nhargietx Notice to Treat, izda lanqas giet formalment imsemmija fil-Gazzetta tal-Gvern, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-istess Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti ccahdu mid-dritt taghhom illi jgawdu il-proprjetà taghhom skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti ma nghatawx kumpens talli ccahdu mill-proprjetà taghhom.

Illi r-rikorrenti ma inghatawx access lit-tribunal kompetenti sabiex jigi iffissat kumpens xieraq.

Illi fis-16 ta' Mejju 2005 ir-rikorrent poggew lill-intimati a formali konjizzjoni tas-suespost bi protest gudizzjarju anness u markat dok FA 8.

Illi dan l-ahhar r-rikorrent gie notifikat b' kontro-protest minn wiehed mill-intimati li ressaq l-argument inverosimili illi 'ma jistax jiehu konjizzjoni' tat-talbiet tar-rikorrent ghaliex ir-rikorrent ma indikax l-artijiet msemmija permess ta' pjanta.

Ir-rikorrent jinstab konfuz hafna b'din l-argument ghaliex r-rikorrent jaf illi l-intimat diga ghandu kopja tal-pjanta li talab. Tant hu hekk illi f' korrispondenza hawn annessa u markata FA 9 l-Ministru tal-Gustizzja u Ghall-Intern, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, Dipartiment Ghat-Tmexxija tal-Proprjetà li ghandha sede fl-ufficju tal-imsemmi intimat annetta il-pjanta tal-art in kwistjoni.

Illi ghalhekk il-kontro-protest mhux talli ma tghax rimedju effettiv lir-rikorrent imma talli aggrava l-lanjanza ta' ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien qasir.

2. Ksur tal-Kostituzzjoni u ligijiet ohra
Illi meta l-intimati okkupaw l-artijiet imsemmija minghajr ma segwew il-procedura kif stipolata fil-ligi cahdu lir-rikorrenti mid-dritt li jirrikorru lit-tribunal kompetenti sabiex jigi iffissat kumpens xieraq.

Illi ghalhekk l-procedura li segwew l-intimati cahdet lir-rikorrenti mid-dritt ta' access ghal-tribunal skond il-ligi u ghaldaqstant nkisser id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq skond il-ligi.

Illi sal-lum, wara dawn is-snin kollha, ir-rikorrenti ghadhom ma rcevew l-ebda kumpens xieraq skond il-ligi, u dan minkejja illi ufficjali tar-rikorrenti irrikonoxxew diversi drabi illi kumpens kien dovut lir-rikorrenti.

Illi ghalhekk gie vjolat ukoll id-dritt tar-rikorrenti li jgawdu l-propjeta' taghhom.

Illi ghar-ragunijiet spjegati hawn fuq l-imsemmija propjeta' giet okkupata b' mod illegali u abbuziv bi ksur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta [senjatament l-Artikolu 9 (Notice to Treat)], il-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta [senjatament l-Artikolu 469A (Stharrig gudizjarju ta' Awtorità Amministrativa)], il-Kostituzzjoni ta' Malta [senjatament lArtikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens) u 39 (Smiegh xieraq)], l-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem [senjatament l-Artikoli l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Smiegh Xieraq) u l-

Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-proprjeta').

3. Talba ghal-Rimedju

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti (senjatament meta l-intimati okkupaw l-artijiet msemmija minghajr ma hallsu kumpens xieraq, meta segwew procedura ta' esproprjazzjoni li cahdet dritt ta' access ghall-tribunal, bid-dewmien taghhom li jirrizolvu b' mod ekwu din il-vertenza), l-intimati kisru/illedew id-dritt id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

   (a) Fl-Artikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens) u;
   (b) Fl-Artikolu 39 (2) (Smiegh xieraq).

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti (senjatament meta l-intimati okkupaw l-artijiet msemmija minghajr ma hallsu kumpens xieraq, meta segwew procedura ta' esproporjazzjoni li cahdet dritt ta' access ghall-tribunal, bid-dewmien taghhom li jirizolvu b' mod ekwu din il-vertenza), l-intimati kissru/illedew id-dritt id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem:

   (a) Fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Smiegh Xieraq); u
   (b) Fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-proprjeta').

3. Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti.

4. Tiffissa hlas ta' danni bl-interessi dovut lir-rikorrenti.

5. Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju datat 16 ta' Mejju 2005.

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimat Kap tad-Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta li in forza taghha eccepew:

Illi, preliminarjament, jigi sottomess illi llum il-gurnata m' ghadux jezisti "Id-Dipartiment tat-Toroq" u dan sa minn meta fl-2002 twaqqfet l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta illi inkorporat fiha l-funzjonijiet tad-Dipartiment tat-Toroq, u ghaldaqstant ir-rikors odjern fil-konfront tad-Dipartiment tat-Toroq huwa irritu u minghajr effett.

Illi, wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi kemm il-Kap tad-Direttorat tat-Toroq, kif ukoll l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, mhumiex il-legittimi kontraditturi f'dan il-kaz stante l-fatt illi skond il-Kap 88, l-Awtorità kompetenti fl-akkwist t'artijiet ghal skopijiet pubblici u l-hlas tal-kumpens relattiv huwa il-Kummissarju ta' l-Artijiet u mhux l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew il-prekursur taghha d-Dipartiment tat-Toroq, u inoltre lanqas ingiebet hjiel ta' prova illi l-esproprjazzjoni ta' dik il-parti ta' dik il-parti ta' l-art illi eventwalment saret triq kienet fil-fatt intalbet mid-Dipartiment tat-Toroq, u ghaldaqstant l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, illi giet interpellata inutilment, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu jigi sottomess illi ghalkemm ir-rikorrenti allegaw illi dik il-parti tal-art immarkata bl-ittra "C" fuq Dok FA 4 minnhom prezentat ma kienitx imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-gvernatur generali, liema dikjarazzjoni tirreferi ghal 5,647 metri kwadri, skond il-kuntratt tas-sbatax ta' Jannar 1970, illi huwa l-unika prova ta' titolo illi ir-rikorrenti ipprezentaw, l-art appartenenti lir-rikorrenti f'terz indiviz u mehuda minn ghandhom kienet ta' erbat itmiem u erba kejliet, jigifieri 4,571 metri kwadri u ghaldaqstant, almenu prima facie, ma jirrizultax illi fil-fatt xi

parti mill-proprjetà tar-rikorrenti thalliet barra mid-dikjarazzjoni tal-gvernatur generali.

Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottolineat illi jekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-art in kwistjioni giet okkupata b'mod illegali u abbusiv stante illi ma gietx sodisfatta il-procedura ta' l-esproprjazzjoni kontemplata f' Kap 88 hija ben fondata, mela allura ir-rikorrenti kellhom kull opportunità taht il-ligi ordinarja nostrana sabiex jirrezistu milli jigu spoljati mill-istess proprjetà.

Illi, tali proceduri gudizzjarji qatt ma ttiehdu, u llum il-gurnata huma in ogni kaz preskritti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghzel li ma tinqedix bis-setgha kostituzzjonali taghha a tenur tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante illi r-rikorrenti mhux talli m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom, izda sahansitra ghazlu illi ghal snin twal ma jinizzjawx ebda procedura ghall-harsien tad-drittijiet taghhom.

Ghaldaqstant, l-Awtorità esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirrespingi, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, l-pretensjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront taghha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan taht dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra li in forza taghha eccepew:

Illi fl-ewwel lok id-Dipartiment tat-Toroq m'ghadux aktar in ezistenza u ghaldaqstant ma jistax jigi mharrek f' dawn il-proceduri.

Illi fit-tieni lok, ebda art ma tista' tigi espropriјata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet jekk ma jkunx hemm talba specifika ghal dan l-iskop minghand xi dipartiment jew entità. Izda l-esponenti huma f'pozizzjoni jikkonfermaw li ebda wiehed minnhom qatt ma talab li tinhareg Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq il-porzjon art indikat bl-ittra 'C' u delinejat bil-kulur ahdar fuq id-dok. F.A. 4 ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, u

ebda wiehed minnhom ma qatt kien jew huwa prezentement responsabbli ghall-okkupazzjoni ta' l-imsemmija art.

Illi, izda, bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ghandu jinghad li, fi kwalunkwe kaz, meta l-Gvern jitlob li tigi espropprijata art ghal skopijiet simili huwa ikun responsabbli biss li jhallas kumpens fuq in-nofs tal-wisgha tat-triq in kwistjoni billi l-kumpens ghan-nofs l-iehor tat-triq jinhareg skond il-ligi mis-sidien tal-fondi li jkunu jiffronteggjaw l-istess triq.

Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li setghu utilizzaw, u dan ai termini ta' l-Artikolu 469A. Terga', l-azzjoni tar-rikorrenti setghet issir taht aktar minn kap wiehed ta' l-Artikolu 469A, dejjem skond l-allegazzjonijiet li qeghdin jaghmlu fir-rikors odjern.

Fil-fatt, l-Artikolu 469A jaghti l-possibilità li wiehed jipprocedi taht erba' kapi, li huma s-segwenti:

"(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni; (b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin: (i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn Awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew (ii) meta l-Awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew (iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-Awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."

Minnflok, izda ir-rikorrenti ghazlu li jibqghu guridikament passivi, u qed jippretendu li jistghu issa – wara li ghaddew 'il fuq minn ghoxrin sena – iqajmu kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet Kostituzzjonali meta l-fatti li taw lok ghal tali allegat ksur ilhom li sehhew dawn is-snin kollha. Dan huwa l-veru abbuz f'dan il-kaz – l-abbuz tal-process gudizzjarju. Kif kellhom l-okkazjoni josservaw diversi drabi l-Qrati taghna, ir-rimedju Kostituzzjonali huwa wiehed eccezzjonali li jista' biss jigi intentat meta kull possibilita' ohra ta' rimedju li seta' jigi

utilizzat fil-perjodu ta' qabel ma tkun infethet il-kawza tkun sfat definittivament fix-xejn.

Illi inoltre, il-fatti dwar il-kumplament ta' l-art imsemmija fir-rikors – kif jafuhom l-esponenti – huma dawn:

Ghar-rigward tal-porzjon art indikat bl-ittra 'A' u delinejat bil-kulur isfar fuq id-dok F.A.4, dan gie akkwistat regolarment b' mod strettament konformi ai termini ta' l-Artikoli 9 u 12 tal-Kap 88, liema Artikoli mhumiex qed jigu impunjati f' dan ir-rikors. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma jistawx jattakkaw lill-esponenti fuq il-mod kif gie operat l-akkwist.

Barra, minn dan, mhuwiex minnu li r-rikorrenti se jitilfu l-art u jibqghu minghajr hlas. Fil-fatt, kif jammettu l-istess rikorrenti, l-esponent jirrikonoxxi li l-hlas huwa dovut lilhom, izda skond il-Kap 88 huwa m' huwiex marbut b' perjodu specifiku ta' zmien li fih irid iwettaq tali hlas. Bi tpattija ghal dan, is-subinciz 3 ta' l-Artikolu 12 jipprovdi ghal imghax annwali ta' 5% fuq l-ammont dovut. Inoltre, minbarra li f' dan il-kaz beda jiddekorri l-imghax mill-mument tad-dikjarazzjoni, is-sid igawdi wkoll l-assikurazzjoni li mhux se jbati minhabba xi zjieda fil-prezz ta' l-art dovuta ghad-dekors taz-zmien, u dan billi l-hlas li eventwalment isir ikun jirrifletti l-prezz ta' l-art fil-mument ta' l-istess hlas!

Ghar-rigward tal-porzjon art indikata bl-ittra 'B' u delinejata bil-kulur ahmar fuq id-dok F.A. 4, din l-art ghadha mehtiega mill-esponent Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, li ghandu intenzjoni jutilizzaha ghal skopijiet xierqa. Ghar-rigward ta' din l-art, jghoddu l-istess argumenti bhal dawk imressqa rigward l-art indikata 'A'.

Ghaldaqstant, jidher car minn ezami tal-fatti rilevanti illi l-ebda dritt tar-rikorrenti mhu qed jigi ivvjolat, stante li ma nkiser ebda provvediment tal-Kap 88, li r-rikorrenti ma gewx imcahhda b'ebda mod milli jiehdu l-kumpens dovut, u ma kellhom ebda dritt ta' smiegh xieraq li gie mcahhad lilhom matul il-process ta' esproprijazzjoni ta' l-art imsemmija. Ghaldaqstant din l-azzjoni tnediet inutilment.

Illi fl-ahhar nett, ghandu jigi osservat li, ghal skopijiet ta' certezza, l-esponent Dipartiment ta' l-Artijiet dejjem addotta l-prasi li f' kull kaz jirrikjedi li kwalunkwe korrespondenza li tkun tirrigwarda xi art ikollha annessa maghha pjanta bl-imsemmija art indikata fuqha, u dan fid-dawl tal-hafna nuqqas ta' ftehim li potenzjalment jista' jinqala' altrimenti.

Bl-ispejjez.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-1 ta' Dicembru, 2005, li permezz taghha laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-intimati li kienu jezistu rimedji alternattivi ordinarji miftuha lir-rikorrenti u ghalhekk iddeklinat milli tezercità l-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha u lliberat lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 t'April, 2007, li permezz taghha, giet revokata l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, in kwantu ritenuta intempestiva, u baghtet l-atti lura sabiex jinstemghu l-provi skond il-ligi.

Rat in-Nota t'astensjoni tal-Imhallef sedenti u li b'hekk il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat ix-xhieda mressqa quddiem din il-Qorti, inkluz il-provi dokumentali kollha.

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, AIC Godwin Abela, mahtur minn din il-Qorti, kif ukoll ir-risposti tieghu ghall-mistoqsijiet in eskussjoni li sarulu mill-intimati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tal-azzjoni tar-rikorrenti qieghed jigi allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali taghhom, meta bhala sidien ta' terz indiviz t'art li tinsab fil-Kalkara, gew mehuda lilhom tliet porzjonijiet art, u dan bi ksur tad-dritt taghhom ta' tgawdija tal-proprjetà taghhom, kif sancit fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni

ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem imsejha l-Konvenzjoni). Inoltrè jigi allegat li meta l-intimati naqsu milli jsegwu l-proceduri stipulati fil-ligi, cahdu lir-rikorrenti mid-dritt t'access ghat-tribunal kompetenti sabiex jigi ffissat kumpens xieraq skond il-ligi, bi ksur tad-dritt ghall-smigh xieraq, skond kif jipprovdu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet taghhom kif protetti bl-artikoli 37 u 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; ksur tad-drittijiet taghhom kif protetti mill-artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja; li jigi ffissat il-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti; li jigi ffissat hlas ta' danni bl-imghax dovut lir-rikorrenti; li taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidrilha xieraq.

It-tliet porzjonijiet art huma dawk immarkati fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotur, a fol.9 tal-process u jinghad li filwaqt li l-porzjonijiet t'art immarkati bl-ittri A u B huma koperti b'dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, tal-15 ta' Frar, 1974, porzjon A giet inkorporata fil-gnien tal-iskola, filwat li porzjon B baqghet ma gietx utilizzata mill-awtoritajiet, izda fiz-zewg kazijiet ma saret ebda *Notice to Treat.* Filwaqt li l-porzjon C giet okkupata sabiex saret it-triq, f'dan l-ahhar kaz lanqas ma saret id-dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illi permezz tar-risposta tal-Kap tad-Direttorat tat-Toroq, fi hdan l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, apparti l-eccezzjoni ta' natura preliminari li kienet determinata, kif inghad qabel, jinghad ukoll li mhix il-legittimu kontradittur f'dan il-kaz, peress li skond il-ligi, il-kumpens relattiv ghall-akkwist tal-artijiet ghandu jithallas mid-Dipartiment tal-Artijiet u li l-prekursur taghha ma talab ebda art sabiex eventwalment saret it-triq li minnha jilmentaw ir-rikorrenti u li ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. Tghid ukoll li prima facie, jidher li l-kejl indikat fil-kuntratt t'akkwist tar-rikorrenti huwa kopert mill-kejl indikat fil-gazzetta tal-gvern. Tikkontendi li jekk l-art in kwistjoni giet okkupata b'mod illegali u abbusiv stante li ma gewx sodisfatti r-rekwiziti tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti kellhom kull opportunità taht il-ligi

ordinarja biex jirrezistu milli jigu spoljati mill-istess proprjetà, anke jekk illum il-gurnata, tali proceduri huma preskritti. Ghalhekk tichad il-pretensjonijiet tar-rikorrenti maghmula fil-konfront taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-bqija tal-intimati ressqu risposta flimkien li permezz taghha, fis-sustanza jinghad, li ebda art ma tista' tigi esproprjata mill-Kummissarju tal-Artijiet jekk ma jkunx hemm talba appozita minn dipartiment jew entità, li f'dan il-kaz ma kienx hemm u ghalhekk jikkontendu li hadd minnhom ma hu responsablli ghall-okkupazzjoni tal-art immarkat bl-ittra "C", u li fi kwalunkwe kaz, l-Gvern jista' jkun responsabbli ghall-hlas ta' kumpens biss ghan-nofs tat-triq, peress li n-nofs l-iehor ghandu jinhareg mis-sidien tal-fondi li jkunu jiffronteggjaw l-istess triq. Jinghad ukoll li guridikament ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju taht l-artikolu 469 A li baqa' ma giex adoperat, izda dawn baqghu passivi sabiex issa qeghdin iqajmu l-ilmenti taghhom ta' ksur ta' drittijiet Kostituzzjonali u dan b'abbuz tal-process gudizzjarju. Rigward il-porzjon art indikata bl-ittra "A", din giet akkwistata ai termini tal-Kap. 88 u ghalhekk ma jistghux jigu attakati fuq il-mod kif gie operat l-akkwist u fi kwalunkwè kaz ser jithallsu, bl-imghax annwali ta' 5%, anke jekk il-Kummissarju mhux marbut b'terminu li fih irid iwettaq il-hlas. Ghal dak li jirrigwarda l-porzjon art indikata bl-ittra "B", din l-art hija mehtiega mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u ghalhekk l-intenzjoni hija li tintuza ghal skopijiet xierqa. Ghalhekk jikkontendu li ma gie vvjolat ebda dritt tar-rikorrenti u li l-azzjoni odjerna tnediet inutilment.

Mill-provi prodotti in atti jirrizulta illi l-Gvern esproprja porzjoni t'art imdaqqsa madwar l-iskola tal-Gvern fil-Kalkara, li tinkludi dawk il-partijiet indikati bl-ittri "A" u "B" fil-pjanta annessa mar-rikors promotur, meta d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici talab lill-Kummissarju tal-Artijiet li jsir l-esproprju fis-27 t'Awissu, 1973, skond il-pjanta hemm annessa (fol. 345 u 346 tal-process). Id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali saret fit-8 ta' Frar, 1974, li permezz taghha nghad li l-akkwist t'arja ta hamest elef sitt mija u sebgha u erbghin metru kwadru, kellu jsir permezz ta' xiri assolut. Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni nforma lid-Dipartiment tax-Xogholijiet li dahlu fl-imsemmija art f'Jannar tas-sena 1975. Fil-kuntratt tas-17 ta' Jannar, 1977, li

permezz tieghu, r-rikorrenti akkwistaw sehem indiviz mill-ghalqa imlaqma Ta' Wicc il-Merhla tal-kejl ta' erbat itmien siegh u erba' kejliet, jinghad li tmiss mill-majjistral ma' Skola tal-Gvern.

Dan ifisser li meta r-rikorrenti akkwistaw sehem indiviz mill-art taghhom, x'aktarx li l-porzjon "A" kienet lahqet giet inkorporata bhala parti mill-gnien tal-iskola. Fil-fatt mill-affidavit tar-rikorrent wiehed jifhem li dan nduna li l-Gvern ha porzjonijiet mill-art li huwa ghandu sehem indiviz minnhom, meta ghaddiet t-triq ma' genb l-iskola u kien hemm li rrealizza li l-Gvern kien lahaq esproprja porzjonijiet ohra mill-istess art, fl-1974. Ghalhekk huwa beda jigri wara d-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jinghata l-kumpens dovut ghall-art li ttiehdet permezz tal-esproprju tal-1974 u kiteb ukoll sabiex jinbdew il-proceduri ghall-esproprju ghall-art li ttiehdet ghat-triq minghajr ma nbdew id-debiti proceduri.  Il-proceduri odjerni nfethu fis-sena 2005.

Fil-mori tal-proceduri ghall-habta tas-sena 2008, irrizulta li kien sar zvilupp minn terzi persuni fuq il-porzjon t'art immarkata bl-ittra "B".  Sa dak iz-zmien id-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi kien ghadu jishaq mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex ma jsirx ir-rilaxx tal-istess porzjon art sabiex isservi bhala "buffer" u li setghet eventwalment tigi nkorporata mal-iskola, f'kaz ta' htiega t'estensjoni.  L-istess Direttorat ta struzzjonijiet ghar-rilaxx tal-istess art fit-23 t'Ottubru, 2012.  Sussegwentement sar ir-rilaxx ta' din il-porzjon art tal-kejl ta' mitejn u erbgha u tmenin metri kwadri fit-12 ta' Marzu, 2013, permezz ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali apposita esebita bhala Dok. MFZ, kif jirrizulta a fol. 242 tal-process.

Inoltre l-intimati ressqu l-provi li kien hemm terzi li kienu qeghdin jivvantaw titolu fuq l-istess porzjon t'art immarkata bhala "B".  Xehed Vincent Gauci li spjega li din l-art (immarkata bhala 1F a fol. 183 tal-process) kienet mikrija lilu fis-snin tmenin u wara li xtraha fis-sena 1984, tellgha l-hitan divizorji. Huwa jghid li kien iltaqa' mar-rikorrent fis-sena 1981, u dan informah li ma kellux x'jaqsam ma' din l-art u li l-art tieghu kienet aktar 'il fuq.  L-istess Gauci xehed li r-rikorrent ma ressaq ebda pretensjoni fil-konfront tieghu rigward din il-

porzjon art. Rilevanti wkoll f'dan il-kuntest, hija x-xhieda ta' Dr. Claude Sapiano, Assistent Registratur tal-Artijiet, li spjega li b'referenza ghall-porzjon art immarkata bhala 1 F a fol. 183 tal-process, din tinsab registrata f'isem Vincent Gauci, u peress li ilha hekk registrata ghal aktar minn ghaxar snin, minghajr ma saret ebda *caution* fuqha, illum Vincent Gauci ghandu titolu garantit. F'dan ir-rigward jigi rilevat li meta mistoqsi dwar din il-porzjon 1F, ir-rikorrent qal li meta Farrugia (ko-proprjetarju) mar ikellem lil dak li beda jibni, dan ghamel ghalih u avzah biex ma jersaqx 'l hemm. Ghalkemm r-rikorrent kellu jivverifika dwar jekk kellux kopja tal-pjanta mal-kuntratt originali, dan baqa' ma ressaqhiex. Izda permezz ta' nota r-rikorrenti pprezenta numru ta' kuntratti sabiex jispjega l-provenjenza tat-titolu tieghu ghall-art *de quo.*

Rigward il-porzjon art immarkata "A" jew "1E" kif tirrizulta mill-pjanta esebita bhala Dok MF 3 a fol. 183 tal-process, l-art tal-kejl ta' mitejn u hamsa u sittin metri kwadri giet akkwistata permezz ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 t'April, 2009, fejn l-art giet stmata bil-valur ta' €2,492, skond stima tal-Perit Frederick Valentino. Din is-somma giet depozitata f'kont bankarju, flimkien mal-imghax relativ ta' €877.81. Il-Kummisarju jishaq li rcieva d-dokumenti mehtiega rigward it-titolu tar-rikorrenti fuq il-porzjon "A" fis-6 t'Ottubru, 2014, sabiex hareg l-ittra ufficjali bl-ammont ta' kumpens li kien lest joffri fis-16 t'Ottubru, 2014. Sussegwentement, ir-rikorrent flimkien mal-ko-proprjetarji l-ohra, ntavolaw l-proceduri opportuni quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet, li ghadhom pendenti sal-lum.

Jigi precizat li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-porzjoni "B", li fil-mori tal-proceduri nqalghet il-kwistjoni dwar it-titolu tal-proprjetà in ezami, u jekk din kienitx tappartjeni lir-rikorrenti flimkien mal-ko-proprjetarji l-ohra komparenti fuq il-kuntratt t'akkwist tas-sena 1977, jew lill-terzi. Mill-provi mressqa mill-intimati, li baqghu mhux kontrastati, fosthom ix-xhieda tar-rapprezentant tar-Registratur tal-Artijiet, irrizulta li Vincent Gauci ghandu titolu garantit fuq il-porzjon art "B", immarkata bhala 1 F a fol. 183 tal-process. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz Tarcisio Grima et v. Professur Henry Frendo et

deciza fit-8 ta' Mejju 2003, il-ligi relativa ghar-Registrazzjoni tal-Artijiet hija wahda specjali u:

> *"......l-legislatur ried johloq sistema li permezz taghha jkunu jistghu jinhargu Certifikati ta' Titlu li jaghtu lill-possessur taghhom titlu assolut 'erga omnes' u biex b'hekk tkun tinholoq sitwazzjoni ta' certezza ghal dak li jirrigwarda titli fuq proprjetà immobiljari" (enfazi* tal-Qorti).

Kunsidrat dan, flimkien mal-fatt li fil-mori tal-proceduri l-intimat irrilaxxa din il-porzjon t'art, din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ilmenti tar-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-porzjon art immarkata "B" fil-pjanta annessa mar-rikors promotur.

Fil-kaz tal-porzjon art immarkata "C", filwaqt li l-Kummissarju jishaq li huwa baqa' ma rcevix talba sabiex l-istess art tigi esproprjata, mhux kontestat li din l-art illum tifforma parti minn triq. Madankollu huwa jippreciza l-Gvern huwa passibli li jaghti kumpens ghal nofs it-triq, peress li n-nofs l-iehor ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih l-izviluppaturi tal-proprjetajiet li jaghtu ghal fuq l-istess triq u dan skond kif jipprovdi l-Kap. 10, il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, illum l-Avviz Legali 29 tal-2010. Konsegwenza tal-izviluppi li sehhew rigward il-porzjon "B", il-Kummissarju irreveda stima precedenti li kien ghamel ghall-arja tat-triq sabiex tkopri biss dik il-parti tat-Triq li tmiss ma' dik il-parti tal-Iskola Primarja, bl-arja ta' tlieta u sebghin punt hamsa metri kwadri, ghall-valur ta' €17,100.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li mill-provi jirrizulta t-trapass ta' erbghin sena sabiex jinbdew il-proceduri opportuni quddiem il-Bord tal-Arbitragg wara li ttiehdet mill-pussess tas-sidien, il-porzjon art immarkata "A" fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotur, jew "1E" kif tirrizulta mill-pjanta esebita bhala Dok MF 3, li sal-gurnata tal-lum ghadhom ma nghatawx kumpens ghaliha, certament isarraf f'trapass ta' tul konsiderevoli ta' zmien, li difficilment jista' jinghad li gie b'xi mod gustifikat da parti tal-intimati. Fil-fehma tal-Qorti dan hu dewmien esagerat li ma jaghmel ebda gieh lill-intimati responsabbli mill-amministrazzjoni pubblika. Aghar minn hekk fil-kaz tal-art indikata bhala porzjon "C", li ttiehdet ghall-formazzjoni tat-triq

biswit l-iskola, lanqas biss inbdew il-proceduri t'esproprjazzjoni u l-intimati jidhru li qeghdin iwahhlu f'xulxin dwar min kellu jiehu l-passi mehtiega sabiex is-sidien jigu kkumpensati ta' dik il-parti tal-art li gew imcahhda minnha, sabiex issir it-triq biswit l-iskola.

L-Awtorità intimata tikkontendi li kien hemm obbligu li tigi ffurmata t-triq mill-izviluppaturi tal-proprjetajiet li jaghtu ghal fuq l-istess triq, fosthom il-Gvern li zviluppa l-iskola. Ghalkemm mill-provi mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti ma rrizultax, kif sar l-izvilupp tat-triq in kwistjoni jekk kienx inbeda mill-privat jew mill-Gvern, (kuntrarjament ghall-kaz citat mill-Awtorità intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha), mhux kontestat mill-istess Gvern, li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghal kumpens dovut lis-sidien ghal dik il-porzjon t'art li giet iffurmata bhala triq biswit l-iskola hekk kif jirrizulta a fol. 248 tal-process. Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti, li ressqu l-pretensjonijiet taghhom fir-rigward ta' kif u minn min sar l-izvilupp tat-triq in kwistjoni fuq il-porzjon "C", din il-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghal dik il-parti tal-istess porzjon ta' triq li l-istess intimati jikkoncedu li ghandu jinghata kumpens taghha.

Jirrizulta mill-provi li diversi Dipartimenti kif ukoll l-istess rikorrenti, kitbu lill-Awtorità intimata sabiex tibda l-proceduri t'esproprjazzjoni opportuni, peress li l-art in kwistjoni kienet ittiehdet ghat-triq, li madankollu tidher li ma segwitx it-talbiet maghmula lilha, kif wiehed kien jistenni minnha. Dan qieghed jinghad peress li minn qari tal-ligi li twaqqaf l-istess Awtorità huwa al kwantu ovvju li l-intenzjoni tal-legislatur kien li din l-Awtorità tassumi l-obbligi u r-responsabiltajiet kollha li kienu precedentement jaqghu fi hdan il-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' Toroq, fost affarijiet ohra (ara l-artikoli 36 -39 tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghal din ir-raguni mhux ser tintlaqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata in kwantu hija tikkontendi li mhix legittimu kontradittur f'din il-kawza.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-konsiderazzjonijiet legali pertinenti ghall-mertu tal-kawza, ghandu jinghad illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma msejsa fuq zewg binarji, dawk relativi ghal ksur ta' drittijiet ta' tgawdija ta' proprjetà (taht l-artikoli 37 tal-

Kostituzzjoni u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) u dawk relativi ghal nuqqas ta' smigh xieraq, konsegwenza ta' nuqqas t'access, kif ukoll konsegwenza ta' dewmien (taht l-artikoli 39 (2) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni).

Dwar l-allegata lezjoni ta' Dritt ta' Proprjeta kif sancit taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Qorti tqis illi l-parti relevanti ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:

> *"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*

(c) *li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta*".

Ghalhekk biex ikun hemm lezjoni tal-artikolu 37(1) hemm bzonn li jikkonkorru tliet rekwiziti (i) it-tehid forzuz tal-proprjetà, (ii) il-kumpens offrut irid ikun wiehed mhux xieraq u (iii) jehtieg li jkun hemm nuqqas ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali sabiex jigi determinat u miksub kumpens xieraq, jew ikun hemm nuqqas ta' dritt ta' appell.

Madankollu, kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru, 2011, fl-ismijiet Peter Azzopardi noe. v. Kummissarju tal-Artijiet et:

> *"Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent appellat ma setax javvanza pretensjonijiet kostituzzjonali a bażi tal-Artikolu*

*37 tal-Kostituzzjoni. L-esproprjazzjoni saret bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 li ilu fis-seħħ minn ħafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk it-tħaddim ta' dik il-ligi huwa mħares bl-Artikolu 47(9) milli jikser l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet L-Avukat Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et, tal-10 ta' Lulju 2009 in vista tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufiħ qabel it-3 ta' Marzu 1962 ma tistax titqies li tippekka kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-istess jingħad għal xi liġi li temenda jew tissostitwixxi xi liġi magħmula f'dik id-data jew wara purchè li tali liġi ma tkunx tagħmel xi waħda mill-affarijiet imsemmija filparagrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Il-Qorti kompliet tgħid hekk:*

*"Għalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta' xi liġi li temenda jew li tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 ġie emendat wara din id-data, iżda r-rikorrenti f'ebda ħin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Għalhekk l-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha hija li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 li taħtu saret l-ordni tal-esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni."*

Filwaqt li din il-Qorti taghmel taghha dan l-insenjament, hekk ukoll tirritjeni li t-tehid ta' proprjetà tar-rikorrenti, senjatment il-porzjoni "A" saret ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistghux jitqiesu li saru bi ksur tal-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni, peress li kif inghad dan jinsab protett taht l-artikolu 47 (9).

Mhux l-istess jista' jinghad ghal dik il-parti tal-porzjon "C" li ttiehdet mill-Gvern sabiex saret it-triq biswit l-iskola tal-Kalkara, minghajr ma ttiehdu ebda proceduri t'esproprjazzjoni. Ir-rikorrenti gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom meta saret it-triq u dan minghajr ma nghataw ebda kumpens. Anzi n-nuqqas ta' proceduri t'esproprjazzjoni, fir-rigward tal-parti tal-porzjon "C" utilizzata mill-Gvern sabiex l-iskola jkollha

faccata ohra fuq it-triq, sahansitra cahhad lir-rikorrenti mill-access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali sabiex jigi determinat kumpens xieraq dovut lilhom. It-tehid forzuz tal-art proprjetà tar-rikorrenti sabiex saret dik il-parti tat-triq, ghall-beneficcju tal-iskola, kif nghad qabel, ma sarx a bazi ta' qafas legali u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni.

Dwar l-allegata lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Qorti qieset illi l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi:

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*
>
> *Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjetà skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Fil-kaz in ezami ma tqajjem ebda dubju mir-rikorrenti u fil-fatt jirrizulta l-iskop pubbliku li ghalih sar l-esproprju tal-porzjoni "A" kif ukoll fejn giet okkupata dik il-parti ta' porzjoni "C", li saret triq. Madankollu, minn qari ta' dan l-artikolu jirrizulta li meta l-Gvern jiehu proprjetà tal-privat ghal skop pubbliku, irid jizgura li jinholoq bilanc bejn l-interessi generali tal-Istat u l-interessi tal-individwu u dan billi l-individwu jinghata kumpens xieraq u adegwat. Wara kollox il-fatt li jirrizulta li esproprju sar fl-interess pubbliku, ma jezonarax lill-Kummissarju intimat mill-obbligu li jagixxi b'diligenza u li jaqdi l-obbligi tieghu fi zmien ragonevoli li jwasslu ghall-hlas ta' kumpens dovut lir-rikorrenti. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 t'Ottubru, 2014, fl-ismijiet Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et)

Fis-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg tad-19 ta` Gunju 2006 fil-kawza Hutten-Czapska v. Poland gew enfasizzati tlett elementi li jehtieg li jkunu prezenti sabiex titqies permissibbli l-interferenza tal-Istat fid-dritt ta' proprjetà kif sancit fil-Konvenzjoni:- i) li l-mizura li jiehu l-Istat tkun saret f'qafas legali ; ii) li l-iskop tal-mizura ikun ghal skop legittimu u iii) li din l-mizura zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-iskop socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Inoltree, kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet Peter Azzopardi noe. v. Kummissarju tal-Artijiet et:

> "*B'danakollu, din il-Qorti, f'Dr David Tonna et v. Kummissarju tal-Artijiet (deċiża fit-3 ta' Marzu 2011) spjegat kif għalkemm dan l-artikolu ma jipprovdix espressament għall-kumpens il-fatt li ma jitħallasx kumpens meta ttieħdet il-proprjetà huwa fattur determinanti għall-Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi jekk inżammx dak il-bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali kif mehtieg bl-Artikolu msemmi u fuq l-iskorta ta' deċizjonijiet tal-Qorti Ewropea rriteniet li fattur li jrid jittieħed in kunsiderazzjoni huwa li "compensation for loss sustained could only constitute adequate reparation where it also took into account damage arising from length of deprivation. It had moreover to be paid within a reasonable time*."[1]

Mill-provi jirrizulta ampjament pruvat li l-intimati ma mxewx bil-ghaqal mistenni minnhom biex jassiguraw li dan il-process t'esproprju jigi konkluz fi zmien qasir u ragonevoli. Il-proprjetà ittehdet, fil-kaz tal-porzjoni "A", fis-sena 1974, u ghalkemm fis-sena 2014, inbdew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet, sabiex jigi determinat il-kumpens dovut lir-rikorrenti, flimkien, mas-sidien l-ohra, sal-lum aktar minn erbghin sena wara, il-kaz ghadu mhux maghluq! Zgur li dan it-trapass ta' zmien, li fih ittiehdet il-proprjetà tar-rikorrenti, minghajr ma gew debitament ikkumpensati, ma

[1] Guillemin vs France (1977) u Jucys v Lithuania No 5457/03 (2008)

jistax jitqies bhala wiehed ragonevoli. Ghalhekk, ghalkemm jista' jinghad li l-porzjon "A" ittiehdet mill-Gvern a bazi ta' qafas legali (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u bi skop legittimu (sabiex issir skola pubblika), certament jonqos l-element ta' proporzjonalità kif jirrizulta mehtieg taht l-artikolu Konvenzjonali in ezami.

Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha deciza fit-28 Dicembru 2001, fl-ismijiet Pawlu Cachia v. Avukat Generali:

> *"Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilità tal-proprjetà biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex ........ il-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens*."

Inoltre biex tkompli tgharraq is-sitwazzjoni, ghalkemm il-Gvern ha b'esproprju il-porzjoni "A", formanti llum parti mill-iskola tal-Kalkara, dik il-parti tal-art minn porzjon "C", li tifforma parti mit-triq li fuqha thares l-imsemmija skola, kif identifikata a fol. 248 tal-process, baqghet ma gietx esproprjata, nonostante li l-Gvern dahal fiha u ghamel uzu minnha. Isegwi li f'dan il-kaz, jonqos mhux biss l-element ta' proporzjonalità, izda l-qafas legali ukoll, kif mitlub mill-Konvenzjoni.

Ghalhekk il-Qorti tirriskontra zewg nuqqasijiet principali fl-agir tal-intimati (i) il-process t'esproprju kellu jinghalaq mill-Kummisarju intimat fi zmien ragonevoli sabiex jintlahaq il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tas-socjetà u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà taghhom. L-agir tal-Kummissarju intimat certament ma lahaqx il-bilanc mehtieg meta wiehed iqis iz-zmien esagerat bejn meta ttiehdet il-proprjetà u li effettivament ghad irid jigi determinat il-kumpens li ghandhom jithallsu r-rikorrenti; u (ii) dik il-

porzjon t'art li okkupa l-Gvern sabiex issir it-triq biswit l-iskola, kellha tigi esproprjata, ghall-anqas san-nofs taghha. Meta wiehed jikkonsidra t-trapass taz-zmien minn meta s-sidien gew spossessati mill-intimati minghajr ma ghadu nghata bidu ghall-process t'esproprjazzjoni ghall-art li ttiehdet ghall-beneficcju tal-Gvern, sabiex eventwalment is-sidien jigu kompensati, jirrizulta piz eccessiv u sproporzjonat fuq ir-rikorrenti, fis-sens tal-Konvenzjoni.

B'hekk il-Qorti ssib li f'dawn ic-cirkostanzi sar ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Dwar allegata lezjoni ta' Dritt ta' Smigh Xieraq kif sancit taht l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Qorti qieset illi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

> *"Kull Qorti jew Awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Huwa ritenut li dan is-sub-artikolu jirreferi ghal proceduri quddiem "Qorti jew awtorità ohra gudikanti" li jkunu diga "mibdija" u ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ikun hemm dewmien f'dak li ghandhom jigu meqjusa bhala atti amministrattivi, bhal ma hu l-kaz in kwistjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et, deciza fis-26 ta' Gunju 2009, irriteniet illi d-dewmien da parti tal-Kummissarju sabiex jibda l-proceduri:

> *"... ma jgibx il-lezjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni billi dan l-artikolu jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proceduri quddiem Qorti jkunu già mibdija."*

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti taht dan l-artikolu ma jirrizultawx misthoqqa.

Dwar l-allegata lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Qorti tqis illi l-parti relevanti ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu …. kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi".*

Minn ezami ta' dan l-artikolu jirrizulta li l-kwalifika li sabiex jiskatta l-obbligu li l-proceduri jintemmu fi zmien ragonevoli, dawk il-proceduri jkunu "mibdija", kif mahsub taht il-Kostituzzjoni, ma jirrikorrix fil-kaz tal-artikolu tal-Konvenzjoni in ezami. Kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 2012, fl-ismijiet Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et:

> *"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu "zmien ragjonevoli" id-data li minnha jibda jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fuq citat, John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et fil-fatt irriteniet li l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proceduri jammonta ghal vjolazzjoni ta' d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. "Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu jammonta ghal privazzjoni minn access ghal tribunal imparzjali u indipendenti."*
>
> *Naraw ukoll kif fil-kaz Golder v. UK[2] il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li z-"zmien ragonevoli" jista' jibda' jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal. Hija spjegat li ghalkemm id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ovvjament japplika ghal proceduri li jkunu diga nbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt ghal smigh xieraq jeskludi d-dritt li tali proceduri jinbdew.*

[2] ECHR 21 ta' Frar 1975

*"While the right to a fair, public and expeditious judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does not, however, necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded." Hija rriteniet li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taz-zmien ragonevoli jista' jiskatta anke qabel ma jindbew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal, "It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute*."

Fil-kaz Deguara Caruana Gatto v. Malta, deciza fid-9 ta' Lulju 2013, il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni relevanti*:*

*"Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropritation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see Akkus v Turkey, 9 July 1997 para.29/} The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see Aka v Turkey, 23 September 1988 para.49..]*

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, jirrizulta li fil-kaz tal-porzjoni art "A", id-Dikjarazzjoni tal-President giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Frar, 1974, meta giet a konjizzjoni tal-pubbliku in generali. Huwa meqjus li minn hawn inbdew il-proceduri tal-esproprju, li maghhom skatta l-obbligu tal-Kummissarju intimat li jissokta bil-proceduri billi jgharraf lir-rikorrenti bil-kumpens li kien qieghed joffri, fi zmien ragonevoli. Mill-atti jidher li l-kumpens dovut fuq din il-porzjon art kien determinat biss wara hamsa u tletin sena, (d-Dikjarazzjoni Presidenzjali dehret fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 t'April, 2009, fejn l-art giet stmata bil-valur ta' €2,492), li zgur ma jistax jitqies zmien ragonevoli! Il-Kummissarju jsostni li qatt ma seta' jiehu azzjoni sabiex jaghti l-kumpens peress li s-sidien qatt ma ppruvaw it-titlu taghhom fuq l-art. Fil-fatt

jirrizulta t-trapass ta' hames snin ohra sakemm il-Kummissarju nnotifika s-sidien, fosthom ir-rikorrenti, bil-kumpens li kien lest li joffri permezz t'ittra ufficjali, li permezz taghha, is-sidien setghu jikkontestaw il-kumpens offrut quddiem il-Bord kompetenti!

*Multo magis* jirrikorri l-ksur tal-artikolu in ezami, fil-kaz ta' dik il-parti ta' porzjon "C" fejn sahansitra lanqas biss inbdew il-proceduri t'esproprjazzjoni fuq dik l-art li ttiehdet minghand is-sidien, minghajr ma gew segwiti d-debiti proceduri t'esproprjazzjoni, fejn ir-rikorrenti ghadhom qeghdin jigu mcahhda mid-dritt li jmorru quddiem il-Bord kompetenti sabiex jigi stabbilit il-kumpens xieraq ghall-art li ttehditilhom.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-intimati li r-rikorrenti jahtu ghad-dewmien peress li naqsu milli jipproducu dokumenti in sostenn tat-titolu li jippretendu li ghandhom fuq l-art in kwistjoni, din il-Qorti tirribadixxi li hu dmir tal-Kummissarju li jiehu hu dawk il-proceduri opportuni biex jassigura li l-kaz jimxi bid-debita celerita'. Fil-fatt, kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Frendo Randon et v Kummissarju tal-Art et, deciza fl-4 ta' Frar 2000:

> *"... ... jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*."

Ghalkemm id-dewmien da parti tar-rikorrenti ghandu jinghata qies fil-komputazzjoni tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghal-lezjoni sofferta minnhom, izda dan ma jnaqqas xejn mill-

obbligu tal-Kummissarju li jimxi bid-diligenza u speditezza li trid il-ligi.

Tenut kont li f'dan il-kaz, ir-rikorrenti kienu pprivati mill-proprjetà taghhom sa mis-snin sebghin, u ghadhom ma rcevew ebda kumpens sal-lum, tirrizulta cara l-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti li gew imcahhda mid-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli a tenur tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni, fil-forma ta' dewmien irragonevoli. Ghalhekk isegwi li ghal dan id-dewmien esagerat ghandu jwiegeb l-istess Kummissarju tal-Artijiet.

Ghalkemm l-artikolu 7 tal-Att tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li ebda ksur ta' drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imwettqa qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-artikolu 4 tal-Att, b'danakollu din il-Qorti xorta ghandha tiehu kont tat-trapass taz-zmien sat-30 ta' April 1987 sabiex tiddeciedi jekk minn dik id-data it-trapass ta' zmien kienx wiehed irragonevoli. Meta jittiehed qies tal-fatt li sat-30 ta' April 1987 kienu ghaddew tlettax-il sena minghajr ma ttiehdu l-proceduri opportuni u meta wiehed iqis ukoll li sa ma nbdew il-proceduri quddiem il-Bord, fil-kaz tal-porzjon "A", ghaddew xejn anqas minn sebgha u ghoxrin sena ohra, filwaqt li fil-kaz ta' dik il-parti tal-porzjon "C", li ttiehdet minghajr ma saru l-proceduri t'esproprju, ghaddew kwazi tletin sena, din il-Qorti minghajr esitazzjoni tghid li t-trapass ta' zmien mit-30 ta' April 1987, kien wiehed esagerat u rragonevoli ghall-ahhar u ghalhekk in vjolazzjoni tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

Jigi puntwalizzat ukoll li permezz tal-proceduri prezenti mhux qieghed jigi determinat il-kumpens ghall-esproprju, haga li ghad trid tigi determinata mill-Bord kompetenti, izda irid jigi determinat kumpens ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti meta dawn gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom ghal zmien twil minghajr ebda kumpens. F'dan il-kuntest, sabiex jigi determinat il-kumpens li ser jigi likwidat mill-Qorti, irid jinghata konsiderazzjoni ta' diversi fatturi fosthom, li r-rikorrent ghandhom sehem ta' terz indiviz mill-porzjonijiet t'art affetwati bl-esproprju jew fil-kaz tal-parti tat-triq, esproprju *de facto,* tad-dewmien da parti tar-rikorrenti li

jiehdu l-proceduri opportuni, il-qies u l-valur tal-immobbli hekk kif stabbilit mill-perit tekniku mahtur mill-Qorti, b'dan illi ghandu jinghata kont tal-fatt illi kienet biss il-porzjoni "A" ta' 265 metru kwadru li effettivament giet esproprjata, filwaqt li porzjoni "B" giet rilaxxata, kif ukoll tal-fatt li mill-porzjon "C", hija biss dik l-arja ta' 73.5 metru kwadru, kif stabbilita mill-perit tal-Kummissarju intimat (hekk kif tirrizulta mmarkata bl-ahmar a fol. 248 tal-process), li effettivament ghandu jsir l-esproprju taghha, sabiex jinghata kumpens mill-Gvern, it-trapass taz-zmien bejn meta ttiehdet l-art u l-fatt li sal-lum il-gurnata, ir-rikorrenti ghadhom ma nghatawx kumpens xieraq, it-telf tat-tgawdija tal-art *de quo*, kif ukoll ir-raguni l-ghala ttiehdet l-istess art. Kunsidrat dak kollu li jidrilha rilevanti fic-cirkostanzi tal-kaz, il-kumpens li qieghed jigi likwidat minn din il-Qorti, *arbitrio boni viri,* favur ir-rikorrenti huwa fis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tichad l-eccezzjoni tal-Awtorità intimata in kwantu hija meqjusa legittima kontradittrici ghat-talbiet tar-rikorrenti sa fejn deciz li ghandha taghmel tajjeb ghall-okkupazjoni san-nofs tat-triq li tinsab biswit l-iskola tal-Kalkara kif indikat bl-ahmar fuq il-pjanta a fol. 248 tal-process.

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati kollha.

3. Tilqa' it-talba tar-rikorrenti in kwantu imsejsa fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, limitatament ghal dik il-porzjon art li giet okkupata bhala triq ghall-beneficcju tal-Gvern kif tirrizulta mill-pjanta a fol. 248 tal-process, minghajr ma saru l-proceduri t'esproprju hekk kif titlob il-ligi.

4. Tichad it-talbiet tar-rikorrenti dwar ilment taghhom li garrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom taht l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.

5. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti billi ssib li huma garrbu ksur tal-jedd taghhom kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni, limitatament ghal porzjonijiet kif inghad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza.

6. Tillikwida, bhala kumpens morali dovut lir-rikorrenti minhabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, u bla hsara ghal kull rimedju iehor li huma jista’ jkollhom skond il-ligi, is-somma ta’ hamest elef ewro (€5,000).

7. Tordna li l-intimati jibdew il-proceduri tal-esproprju tal-porzjon art kif delineata bl-ahmar fuq il-pjanta a fol. 248 tal-process fi zmien xahrejn mid-data ta’ din is-sentenza, sabiex ir-rikorrenti jithallsu l-kumpens dovut lilhom.

8. Tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza, jinqasmu in kwantu ghal kwart ghar-rikorrenti u tlett kwarti ghall-intimati kollha bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG